MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) AWTORITA` TA' L-IPPJANAR

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 16/2001/1

**Manuel Gauci**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-19 t'Ottubru 1999 Manuel Gauci gie notifikat b'avviz biex tieqaf u ta' twettieq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fil-konfront tieghu. Fl-avviz gie allegat illi hu kellu struttura fil-*front garden* minghajr permess fi E.M.M. Enterprises Ltd., Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Bahar. Huwa nghata sittax-il gurnata biex iregga' kollox lura ghall-istat originali tieghu.

Illi huwa appella permezz tal-Perit tieghu fejn qal li l-klijent tieghu *"was forced to construct the canopy so as to put his adverts for his business at the edge of the pavement as*

*on both sides of his property constructions were built in the front garden with the result that his adverts could not be seen by passers-by."* Huwa talab li jzommhom sakemm ikun hemm "policy decision" miehuda mill-Awtorita' rigwardanti tai strutturi fl-area ta' Bugibba/Qawra.

Illi fir-risposta tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar gie sottomess is-segwenti:-

*"Illi minkejja r-ragunijiet moghtija fl-appell, jirrizulta li fis-sitwazzjoni in kwistjoni fid-data tal-hrug ta' l-avviz tat-twettieq, kien hemm struttura fil-front garden bla permess u dan kif sejjer jigi ppruvat matul is-smiegh tal-kaz quddiem dan il-Bord.*

*Illi jigi sottomess li l-appellant fl-appell tieghu ma ta l-ebda raguni valida biex jiggustifika l-appell tieghu."*

B'hekk l-Awtorita' talbet illi l-appell jigi michud u jikkonferma l-istess Avviz.

Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ra l-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2000 fejn l-appellant inghata l-possibilta' li japplika permezz ta' applikazzjoni sanatorja. Waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2001 l-Bord gie mgharraf mill-Perit tal-applikant illi kienet saret tali applikazzjoni. Konsegwentement, il-Bord fit-22 ta' Gunju 2001 iddecieda hekk:-

*"Peress li l-appellant ex admissis nfurmat lill-Bord li l-izvilupp kolpit fl-imsemmi avviz biex tieqaf u ta' twettieq sar tant li qieghed jittanta jirregolarizzah, il-Bord qed jichad l-appell u jikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq jigi fis-sehh fi zmien 16-il gurnata wara li l-applikazzjoni sanatorja tigi definittivament michuda."*

**<u>II. L-APPELL</u>**

Illi minn din id-decizjoni tal-Bord l-appellant interpona appell quddiem din il-Qorti, huwa qed jitlob lil din il-Qorti li joghgobha tbiddel is-sentenza appellata billi tirrevokaha u

thassarha u tilqa' b'hekk l-appell tieghu. Fir-rikors tal-appell huwa spjega l-fatti li taw lok ghal dawna l-procedimenti. Infatti spjega illi tali fond ilu s-snin fl-istat li jinsab fih illum, sa minn qabel ma twaqqfet l-Awtorita' tal-Ippjanar, mill-anqas ilu 10 snin, meta skond hu strutturi mhux permanenti ma kienux jehtiegu permess. Tali struttura tpoggiet fil-"front garden" peress illi minkejja li kien intiz li jkun hemm "front garden" f'dik it-triq, l-izvilupp sar b'mod li hu gie maghluq bejn bini u iehor, minghajr ma kellu faccata esposta fuq it-triq minn fejn seta' jirreklama l-attivita' tieghu. Huwa mmotiva l-aggravji tieghu b'dan il-mod:-

1. Illi l-ewwel punt legali li qed jkun ta' aggravju ghall-esponenti huwa l-interpretazzjoni li ta l-Bord tal-Appelli ghall-fatt li l-esponenti ttanta jaghlaq il-kwistjoni li qamet billi jissanha billi japplika ghal permess. Dana tant kien jaghmel sens illi l-Bord ma sab l-ebda oggezzjoni ghal dan. Kif jista' l-Bord jattribwixxu azzjoni legali tal-appellanti, biex galadarba qed jigi msejjah biex jirregolarizza ruhu, meta hekk huwa jaggixxi, jinghata s-sens legali ta' AMMISSJONI, meta fil-fatt huwa kompla bl-appell mid-decizjoni tal-Awtorita.

Illi l-fatt li l-esponenti kien ghazel dak li gie lilu ssugerit u cioe' li waqt il-kawza jirranga l-kwistjonI billi jissodisfa lill-Awtorita, u b' hekk jpogiha fil-pozizzjoni li trid bil-fors tikkonsidra jekk iccedix ir-rikors jew le, ma ghandu qatt jissarraf f'ammissjoni, ghax biex jkun hemm ammissjoni jrid jkun hemm dikjrazzjoni tali quddiem il-Qorti/Awtorita ta' Appell. Meta konvenut akkuzat jew intimat f'kull procedura hija x' inhija jrid jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jammetti t-talba li tkun qed ssir kontrih dana jaghmlu bl-aktar mod inekwivoku bl-aktar mod formali possibbli sabiex ma jithalliex dubju ta' xejn. Il-fatt biss f' dawna l-proceduri li huwa ghadu sejjer bil-kawza odjerna jindika *se mai* li huwa qatt ma accetta dak li kien lilu kontestat mill-Awtorita.

Illi ghalhekk fil-kaz hawn applikazzjoni hazina tal-ligi fuq l-ammissjoni minn parti 'ntimata, li pratikament waheda

wasslet biex il-Bord tal-Appelli jiddeciedi l-Kaz tal-appellant.

2. Illi t-tieni punt ta' aggravju huwa kosegwenzjali ghall-ewwel wiehed. Jidher mis-sentenza hawn indikdata li l-Bord tal-Appelli meta kkonsidra l-kaz *sub judice* bbaza d-decizjoni tieghu semplicament fuq dan il-punt tal-ammissjoni biss. Dana minkejja li kien hemm sottomissjonijiet legali miz-zewg partijiet, fuq il-procedura addotta u kif imhaddma u fuq il-validita *o meno* taghha. Tant li l-Awtorita nfisha kienet ressqet eccezzjonijiet preliminari dwar il-prezentata tal-appell mhux fit-terminu previst mill-ligi.

Illi dana jigi umilment sottomess huwa prova ta' nuqqas gravi tal-Bord tal-Appelli fil-*modus operandi* tieghu, fis-sens li ma haddimx il-principji legali u l-provvedimenti tal-ligi fuq il-procedura li kellha fil-fatt tigi applikata. Kien ovvju li kellhom qabel xejn jigu kkonsidrati l-punti jew eccezzjonljet preliminari, haga li jidher li qatt ma saret. Dana jikkostitwixxi ksur ta' pringipju legali bazilari ghall-gustizzja. Il-ligi tal-procedura hija hemm biex tigi osservata, altrimenti l-partijiet jitilfu d-drittijiet taghhom. L-agir tal-Bord ghalhekk jikkostitwixxi ksur tal-istess u jirrendi s-sentenza moghtija nulla ghall-finijiet u effetti legali.

3. Illi bla pregudizzju ghall-aggravji precedenti, jinghad li t-tielet aggravju legali huwa fir-rigward tal-kontestazzjoni tal-intimati, li l-esponenti ma ta l-ebda raguni valida ghall-appell quddiem il-Bord. Din il-kontestazzjoni kombinata mal-fatt fuq espost tal-konstatazzjoni u interpretazzjoni legali tal-fatt, tal-allegata ammissjoni tal-appellant, bhala li jaqta' l-kwistjoni, allura wassal biex il-Bord jqis li galadarba kien hemm xi haga x' tigi regolarizzata allura dan kien zgur illegali peress li ma kellux il-permess tal-Awtorita. Dana gie deciz minghajr ma kkunsidrat jew ghallinqas stharrget jekk kienx il-kaz li dik l-istruttura kienitx wahda li twaqfet legalment meta ma kienx mehtieg li jkollha permessi ta' xi Awtorita jew xi Bord.

Illi ghalhekk allura tqum il-kwistjoni legali ta' kif jista' gudikant jaghddi biex jiddeciedi kontestazzjoni quddiemu, minghajr ma jaghmel il-verifika tal-fatti relevanti ghall-kwistjoni. Jidher kif premess li hemm il-possibilta li dak li kien ghamel l-appellant *in illo temporis,* qabel ma kienet tezisti l-Awtorita, u qabel il-promulgazzjoni tal-ligi kostitutiva, seta' jsir minnu 'mpunament ghax kien u ghadu ta' natura temporanja. Dan seta' wassal lill-Bord biex jiddeciedi differentament. Ghax eskluz il-punt kontestat jekk kienx hemm ammissjonl jew le, l-Bord kellu jezamina jekk il-ligijiet u regolamenti tieghu kienux japplikaw ghall-kaz u jekk fil-fatt allura kienx hemm jew le zvilupp bi ksur ta' dawn ir-regolamenti. Ghalhekk hawn ukoll kien hemm thaddim hazin tal-ligi, ghax il-Bord tal-Appelli naqas li jezamina preliminarjament dawna l-punti ta' fatt u kif tapplika l-ligi ghalihom.

L-Awtorita' tal-Ippjanar ikkontestat dan l-appell billi fl-ewwel lok eccepiet illi l-appell odjern huwa null u m'ghandux jintlaqa' stante li mhux qed isir minn *"punti ta' ligi decizi mill-Bord"* a tenur ta' l-**artikolu 15(2) ta' l-Att I ta' l-1992**. Inoltre' fl-istess risposta jinghad illi:-

Illi fid-decizjoni tieghu, il-Bord ta' l-Appell iddecieda billi cahad l-appell ta' l-appellant u kkonferma l-avviz biex tieqaf u twettaq u ordna li l-avviz jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata jekk l-applikazzjoni sanatorja tigi definitivament michuda.

Illi saret applikazzjoni mill-istess appellant numru 502/01 "*to sanction signs and canopy*" datata 6 ta' Frar 2001. Din l-applikazzjoni, anke' jekk forsi saret minn suggeriment tal-istess Awtorita', pero' saret liberament u bil-kunsens assolut tal-appellant.

Illi dan il-fatt minnu nnifsu huwa xhieda cara illi l-appellant kien konxju tal-fatt illi huwa kellu zvilupp minghajr permess u ghalhekk ittenta jirregolarizza dan l-istat ta' illegalita' billi jaghmel applikazzjoni sanatorja. Tant hu hekk illi fl-ittra li l-Perit Lawrence Gatt baghat lill-Awtorita' appellata, juri car meta qal *"My client would be very much obliged if he could keep his canopies until a policy*

*decision is taken by the Authority regarding such structures in the Bugibba/Qawra area"* illi dan kien qieghed jammetti l-istat ta' illegalita' tal-istess zvilupp.

Dawn il-fatti juru bic-car illi l-appellant ammetta l-istat ta' illegalita' li kien fiha u hija procedura kostanti fil-Bord tal-Appell illi tali applikazzjonijiet sanatorji ghandhom jitqiesu bhala ammissjoni anke jekk mhux dikjarati quddiem l-istess Bord.

Illi ghalhekk il-Bord, ma' kellux l-ebda triq ohra hlief li jichad l-appell fuq il-fatti li kellu quddiemu u jikkonferma l-avviz ta' waqfien u twettieq u ghaldaqstant il-Bord kien korrett fl-evalwazzjoni tal-fatti li saru quddiemu.

Illi l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu ukoll fuq il-fatt illi l-appellant ma ta' l-ebda raguni valida biex jiggustifika l-appell tieghu u mhux biss fuq l-ammissjoni a bazi ta' l-applikazzjoni sanatorja.

8. In vista tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti jogobgha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Alexander Busuttil, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-tmienja (8) Gunju 2001, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 t'April 2002 u tas-27 ta' Mejju 2002 fejn id-difensur ta' l-appellantipprezenta diversi ritratti b'nota. L-appell gie trattat u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2002.

## **<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha l-Awtorita' tal-Ippjanar eccepiet illi l-appell hu null peress illi ma sarx minn *"punti ta' ligi decizi mill-Bord"* a tenur ta' l-**artikolu 15(2) ta' l-Att I ta' l-1992.** Illi dan **is-subartikolu (2)** jiddisponi hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord (ta' Appell dwar l-Ippjanar) ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell."*

Illi din id-disposizzjoni giet interprettata minn din il-Qorti f'numru sostanzjali ta' decizjonijiet, inkluzi dawk li inghataw llum stess minn din il-Qorti, u ghalhekk issir riferenza ghalihom u fosthom ghas-sentenzz f'ismijiet **"Anthony Grixti vs l-Awtorita' tal-Ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 1996 - App.Nru 432/95) fejn gie kkonfermat u rredikat il-principju applikabbli f'dawn it-tip ta' appelli li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell f'appell taht id-disposizzjonijiet tal-**Att Numru I ta' l-1992 (Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta)** hija ferm limitata. Fl-istess sentenza gie citat is-segwenti:-

*"..mhux biss hu eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord imma wkoll fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew trattati u decizi mill-Bord. U din il-kontestazzjoni ta' ligi u decizjoni dwarha trid tirrizulta fis-sentenza appellata". **("Anthony Borg vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – A.C. 24 ta' April 1996)".*

Illi dan gie kkonfermat anki fis-sentenza ricenti ta' din l-istess Qorti fil-11 ta' Gunju, 2001 (App. Nru. 222/99) fl-ismijiet **"Joseph Bezzina vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** u wkoll fid-decizjoni **"Tony Zahra vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A. C. 6 ta' Mejju 1998 – App.Nru 54A/97), fejn il-Qorti osservat li l-**Kap.356** jaghti d-dritt ta' appell biss u b'mod tassativ, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord. B'hekk:-

*"Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrivedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord … … … Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn dina l-Qorti f'appelli bhal dawn." (vide wkoll **"Victor Chetcuti vs***

***Awtorita' tal-Ippjanar"*** *– A.C. 31 ta' Mejju 1996 – App.Nru 205A/95)".*

Illi wara li nghad dan kollu, din il-Qorti tibda bl-ewwel aggravju tal-appellant. Huwa qed jissottometti li l-Bord applika hazin il-ligi. Hu jsostni fil-fatt is-sgwenti:-

*"Kif jista' l-Bord jattribwixxi azzjoni legali tal-appellanti,* (fejn issottometta applikazzjoni ghall-hrug tal-permess) *biex galadarba qed jigi msejjah biex jirregolarizza ruhu, meta hekk huwa jagixxi, jinghata s-sens legali ta' ammissjoni, meta fil-fatt huwa kompla bl-appell mid-decizjoni tal-Awtorita'".*

Illi huwa elabora dan l-argument tieghu billi spjega li l-fatt li waqt il-kawza hu pprova jirranga l-kwistjoni billi jissodisfa lill-Awtorita', u b'hekk jpoggiha fil-posizzjoni li trid bilfors tikkonsidra jekk iccedix ir-rikors jew le, ma kellu qatt jissarraf f'ammissjoni, ghax biex ikun hemm ammissjoni jrid ikun hemm dikjarazzjoni quddiem il-Qorti jew Qorti tal-Appell. Ikompli jsostni li tali ammissjoni trid tkun bl-aktar mod inekwivoku u bl-aktar mod formali possibbli sabiex ma jkunx hemm dubju. Inoltre' l-fatt li l-istess appellanti kompla bil-proceduri tal-appell skond l-appellanti jindika li hu qatt ma accetta dak li kien lilu kontestat mill-Awtorita'.

Illi t-tieni aggravju tal-appellanti huwa intimament konness mal-ewwel aggravju, u jikkonsisti fis-sottomissjoni li kif jidher mis-sentenza li meta l-Bord tal-Appelli kkunsidra l-kaz ibbaza d-decizjoni tieghu sempliciment fuq dan il-punt tal-ammissjoni biss u dan minkejja li kien hemm sottomissjonijiet legali miz-zewg partijiet fuq il-procedura adottata u kif imhaddma u fuq il-validita' *o meno* taghha. Illi l-istess appellanti kompla jghid li dan tant huwa minnu li l-Awtorita' nnifisha kienet ressqet eccezzjonijiet preliminari dwar il-prezentata tal-appell mhux fit-terminu previst mill-ligi. L-istess appellant fir-rikors tal-appell tieghu dwar dan il-punt kompla:-

*"Illi dana jigi umilment sottomess huwa prova ta' nuqqas gravi tal-Bord tal-Appelli fil-modus operandi tieghu, fis-sens li ma haddimx il-principji legali u l-provvedimenti tal-*

*ligi fuq il-procedura li kellha fil-fatt tigi applikata. Kien ovvju li kellhom qabel xejn jigu kkunsidrati l-punti jew eccezzjonijiet preliminari, haga li jidher li qatt ma saret. Dana jikkostitwixxi ksur ta' principju legali bazilari ghall-gustizzja. Il-ligi tal-procedura hija hemm biex tigi osservata, altrimenti l-partijiet jitilfu d-drittijiet taghhom. L-agir tal-Bord ghalhekk jikkostitwixxi ksur tal-istess u jirrendi s-sentenza moghtija nulla ghall-finijiet u effetti legali".*

Illi dwar dawn l-ewwel zewgt aggravji din il-Qorti tirrileva li jidher car li dawn is-sottomissjonijiet huma ta' bazi fattwali, u ma hemm l-ebda punt ta' dritt li qed jigi kkontestat fl-istess, wisq inqas punt ta' dritt li gie deciz fil-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar.

Illi dan qed jinghad ghaliex il-punt jekk hemmx jew le ammissjoni tal-appellant dwar l-izvilupp propost milqut mill-Avviz biex tieqaf u ta' twettieq, hija kwistjoni ta' fatt u mhux ta' dritt, u ghalhekk kien jispetta lill-istess Bord tal-Appell ta' L-Ippjanar li jiddeciedi dwar l-istess.

Illi pero' ghall-korrettezza l-fatti kif jidher mill-atti processwali ma humiex lanqas kif imposti mill-appellanti, peress li dak li l-Bord tal-Appell qal kien biss is-segwenti:-

*"Ra il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2000 fejn l-appellant inghata' l-possibilita' li japplika permezz ta' applikazjoni sanatorja. Waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2001 l-Bord gie mgharraf mill-Perit tal-applikant illi kienet saret tali applikazzjoni li ggib in-numru 502/01".*

*"Peress li l-appellant 'ex admissis' nforma lill-Bord li l-izvilupp kolpit fl-imsemmi avviz biex tieqaf u ta' twettiq sar tant li qieghed jittanta jirregolarizzah, il-Bord qed jicahd l-appell u jikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq u qed jordna li l-avviz tat-twettiq jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata wara li l-applikazzjoni sanatorja tigi definitivament michuda".*

Illi minn dan kollu jidher li dak li l-istess Bord tal-Apppell ha bhala pruvat u allura mhux kontestat huwa l-fatt li l-

izvilupp in kwistjoni sar u wkoll li dwar l-istess zvilupp kien hemm applikazzjoni pendenti sabiex l-istess zvilupp jigi sanat; ma dan hemm il-fatt li fl-applikazzjoni tieghu tal-appell lill-istess Bord datata 22 ta' Ottubru 1999 jidher car li l-appellanti odjern imkien ma kkontesta l-fatt li tali zvilupp mertu tal-imsemmi avviz kien fil-fatt gja sar minnu tant li huwa jghid li huwa :-

*"… … was forced to contruct the canopy so as to put his adverts for his business at the edge of the pavement … … … My client would be very much obliged if he could keep his canopies until a policy decision is taken by the Authority regarding such structures in the Bugibba/Qawra area".*

Illi jirrizulta wkoll li l-applikazzjoni sanatorja, skond il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2001 quddiem il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar, iggib in-numru PA0502/01, u ghalhekk dak li rrileva l-istess Bord tal-Appell fis-sentenza tieghu kien anke korrett bhala fatt, tant li fir-risposta ghall-istess appell quddiem il-Bord, l-istess Awtorita' rrilevat li jezisti l-istess zvilupp u *"li l-appellant ma ta l-ebda raguni valida biex jiggustifika l-appell tieghu".*

Illi dan apparti li jidher li l-istess Bord tal-Appell ta' L-Ippjanar mexa, kif ser jinghad aktar il-quddiem skond dak li jipprovdi esspressament **is-subartikolu 11 ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.356** u cioe' li:-

*"Jekk qabel ma jsir l-appell matul il-mori ta' appell, l-appellant jissottometti lill-Awtorita' applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hija ntiza sabiex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettieq."*

Illi kien ghalhekk li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell u kkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq, pero' madankollu ordna wkoll li l-istess avviz ta' twettieq kellu jigi fis-sehh fi zmien 16-il gurnata wara li l-applikazzjoni sanatorja tigi definnitivament michuda.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti tikkonferma dak li inghad iktar il-fuq dwar il-gurisdizzjoni limitata li hija ghandha li tikkoncerna biss punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi. Illi dwar il-lamentela tal-appellanti li l-Bord naqas li jiddeciedi fuq punti preliminari nkluzi dawk dwar il-ligi u dwar il-procedura adoperta ghall-appell quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell ta’ L-Ippjanar, mill-verbali tas-seduti quddiem l-istess Bord tal-Appell ma jidher li gie mressaq l-ebda punt bhal dak llum imsemmi mill-appellanti, u ghalhekk wisq inqas hemm decizjoni dwar l-istess fl-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell, u lanqas in verita’ setgha jkun hemm, ghaliex addirittura ma jidhirx li l-appellanti ressaq xi forma ta’ eccezzjoni legali jew fattwali fuq l-istess avviz, u dan apparti li jidher li fis-seduta tat-2 ta’ Marzu 2001 quddiem l-istess Bord tal-Appell, ir-rikors gie differit ghad-decizjoni, u sad-data li inghatat is-sentenza mill-istess Bord tal-Appell, ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda sottomissjoni kwalunkwe, kif *di piu’* lanqas jidher li ghamel tul il-mori tal-istess appell quddiem l-imsemmi Bord.

Illi dwar procedura quddiem l-istess Bord, huwa ovvju li skond ir-regolamenti u l-ligi vigenti l-istess Bord jirregola l-procedura ta’ quddiemu u apparti l-fatt li fl-istess procedura u smiegh quddiem il-Bord din il-Qorti ma rravizat l-ebda ksur tal-principju tal-gustizzja naturali, xorta jibqa’ l-fatt li l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti hija limitata ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 15 tal-Kap 356** fuq citat u hawn issir riferenza ghas-sentenza **“Charles Mangion vs L-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. 11 ta’ Mejju 1998 - App.Nru 40/97) fejn inghad li:-

*“… … Fuq din l-allegazzjoni l-ligi ma taghtix dritt ta’ appell lil din il-Qorti, billi l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti, f’appelli bhal dawn hija wahda limitatissima u cioe’ derivanti biss minn punt ta’ ligi deciz mill-Bord.”*

Illi din il-Qorti zzid tghid li jista’ jkun li hemm rimedju fuq allegazzjoni ta’ ksur ta’ principji tal-gustizzja naturali (li lanqas tirrizulta f’dan il-kaz) fis-smiegh quddiem il-Bord quddiem il-Qrati ta’ kompetenza ordinarja, izda mhux quddiem din il-Qorti tal-Appell. Dan gie enunzjat fis-

sentenza **“Ludwig Camilleri noe vs Chairman tal-Awtorita’ tal-Ippjanar”** (A.C. 28 ta’ Frar 1997 - App.Nru 607/94), kif ukoll fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.C. 30 ta’ Mejju 1997 - App. Nru 31A/96). B’hekk anki dan it-tieni aggravju ghandu jigi michud.

Illi rigward it-tielet aggravju tal-appellant imressaq fir-rikors tieghu wkoll ma jaqax taht *“punti ta’ ligi decizi mill-Bord”* kif rikjest mill-ligi. Infatti ghalkemm l-appellanti jsostni li dwar il-kontestazzjoni tal-intimati li hu ma ta l-ebda raguni valida ghall-appell quddiem il-Bord kombinat mal-fatt minnu allegat li l-Bord interpreta li kien hemm ammissjoni u b’hekk il-Bord haddem hazin il-ligi ghax naqas li jezamina preliminarjament certu punti ta’ fatt u kif tapplika l-ligi ghalihom, dan wkoll huwa infondat u l-Qorti tirreferi ghal dak li hija qalet iktar il-fuq dwar l-ewwel zewg aggravji u dan apparti li dawn il-punti lanqas biss qatt tqajjmu mill-istess appellanti.

Illi jidher car li l-Bord ra sew il-fatt li kellu quddiemu, u cioe’ li kien hemm struttura tal-appellanti bla permess, li dwar l-istess struttura l-appellanti rcieva avviz biex tieqaf u ta’ twettieq li huwa appella minnu quddiem l-imsemmi Bord, u li fil-mori tal-appell quddiem l-istess Bord, saret applikazzjoni mill-appellanti sabiex jissana l-istess zvilupp, u ghalhekk l-istess Bord iddecieda abbazi ta’ dak li jipprovdi l-**artikolu 52 (11) u (12) tal-Kap 356** u cioe’:-

*(11) “Jekk qabel ma jsir l-appell matul il-mori ta’ l-appell, l-appellanti jissottometti lill-Awtorita’ applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hija intiza sabiex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta’ twettieq”.*

*(12) “Meta l-appell jigi michud, l-Bord ta’ l-Appell jista’ dwar kull htiega, barra minn htiega li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar xoghlijiet jew zvilupp jew li tirrikjedi t-twaqqif ta’ uzu, jordna li l-avviz ma jibdiex isehh qabel dik id-data, li ma tkunx aktar kmieni minn hmistax il-gurnata mill-qtugh ta’ l-appell, kif il-Bord jidhirlu xieraq”.*

Illi hekk ghamel l-istess Bord ta’ Appell fil-parti dispositiva tad-decizjoni tieghu.

## IV. KONKLUZJONI

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Awtorita’ tal-Ippjanar kontenuti fir-risposta taghha ghal dan l-appell, **tichad l-appell** interpost fl-ismijiet premessi datat 6 ta’ Lulju 2001, bhala infondat fid-dritt u tiddikjarah null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta’ L-Appell ta’ L-Ippjanar.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.

**Moqrija.**

**Onor Imhallef Raymond C Pace LL.D.**
**28 t’Ottubru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 t’Ottubru 2002**